Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Frar 2008

dwar garanziji addizzjonali f'kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal rigward il-marda ta' Aujeszky, u kriterji sabiex jipprovdu informazzjoni dwar din il-marda

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 669)

(Verżjoni kodifikata)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/185/KE)

(ĠU L 59, 4.3.2008, p. 19)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/476/KE tas-6 ta' Ġunju 2008	L 163	34	24.6.2008
►**M2**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/988/KE tas-17 ta' Diċembru 2008	L 352	52	31.12.2008
►**M3**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/248/KE tat-18 ta' Marzu 2009	L 73	22	19.3.2009
►**M4**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/621/KE tal-20 ta' Awwissu 2009	L 217	5	21.8.2009
►**M5**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/271/UE tal-11 ta' Mejju 2010	L 118	63	12.5.2010

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Frar 2008

dwar garanziji addizzjonali f'kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal rigward il-marda ta' Aujeszky, u kriterji sabiex jipprovdu informazzjoni dwar din il-marda

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 669)

(Verżjoni kodifikata)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/185/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964, dwar problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffetwaw kummerċ intra-Komunitarju ta' annimali bovini u suwini [1], u partikolarment l-Artikolu 8, l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 10(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/618/KE tat-23 ta' Lulju 2001 dwar garanziji addizzjonali f'kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal rigward il-marda ta' Aujeszky, u kriterji sabiex jipprovdu informazzjoni dwar din il-marda u tneħija ta' Deċiżjonijiet 93/24/KEE u 93/244/KEE [2] ġiet emendata kemm-il darba [3] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Deċiżjoni għandha tiġi kkodifikata.

(2) L-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epizootiku (OIE) hija organizzazzjoni internazzjonali appuntata skond il-Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji fl-applikazzjoni tal-GATT 1994 li hija responsabbli għat-twaqqif ta' regoli internazzjonali tas-saħħa ta' l-annimali għall-kummerċ ta' annimali u ta' prodotti tal-annimali. Dawn ir-regoli huma pubblikati fil-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa tal-Annimali.

(3) Il-kapitolu tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa ta' l-annimali li jitratta l-marda ta' Aujeszky ġie emendat b'mod sostanzjali.

(4) Huwa xieraq li jiġu modifikati l-garanziji addizzjonali meħtieġa fil-kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal f'dak li għandu x'jaqsam mal-marda ta' Aujeszky sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tagħhom mar-regoli internazzjonali dwar din il-marda u l-kontroll aħjar fil-Komunità.

(5) Kriterji jridu jiġu stabbiliti dwar l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri dwar il-marda ta' Aujeszky, skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 64/432/KEE.

(6) Il-miżuri provduti għalihom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

---

[1] ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/729/KE (ĠU L 294, 13.11.2007, p. 26).

[2] ĠU L 215, 9.8.2001, p. 48. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/729/KE.

[3] Ara l-Anness V.

▼B

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

▼M3

Ħnieżer intenzjonati għat-tkabbir jew produzzjoni, mibgħuta fi Stati Membri jew reġjuni tagħhom li huma liberi mill-marda ta' Aujeszky u li huma elenkati fl-Anness I għandhom jiġu minn Stat Membru jew reġjun tiegħu elenkat f'dak l-Anness jew għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

▼B

(1) il-marda Aujeszky trid tkun notifikabbli b'mod obbligatorju fl-Istat Membru tal-oriġini;

(2) pjan għall-kontroll u l-qerda tal-marda Aujeszky, li tissodisfa l-kriterji li jinstabu fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 64/432/KEE, trid tkun fis-seħħ fl-Istati Membri jew reġjuni tal-oriġini taħt is-supervizjoni tal-awtorità kompetenti. Miżuri xierqa fuq trasport tal-majjal u movimenti jridu jkunu fis-seħħ kif jitlob dan il-pjan sabiex ikun evitat it-tixrid tal-marda bejn ażjendi ta' status differenti;

(3) fir-rigward għall- ażjendi tal-oriġini tal-majjal:

(a) l-ebda prova klinika, patoloġika jew seroloġika tal-marda Aujeszky ma ġiet rekordjata fit-tnax il-xahar preċedenti fl-ażjenda in kwestjoni;

(b) l-ebda prova klinika, patoloġika jew seroloġika tal-marda Aujeszky ma ġiet rekordjata fit-tnax il-xahar preċedenti fl-ażjendi li jinstabu f'żona ta' 5 km madwar l-ażjenda tal-oriġini tal-majjal; pero, dan il-provediment ma japplikax, f'dawn l-ażjendi ta' l-aħħar, jekk miżuri ta' monitoraġġ tal-mard u l-qerda tagħhom ikunu ġew applikati regolarment taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti u skond il-pjan tal-qerda msemmija fil-punt (2), u dawn il-miżuri ikunu effettivament evitaw kwalunkwe tixrid ta' mard għall-ażjenda in kwistjoni;

(ċ) tilqim kontra l-marda Aujeszky ma tkunx twettqet għal mill-inqas 12-il xahar;

(d) il-majjal ikun ġie soġġettat għall-inqas f'żewġ okkazjonijiet b'intervall ta' għall-inqas erba' xhur għall-sondaġġ seroloġiku għall-preżenza ta' antibody ADV-gE jew ADV-gB jew ADV-gD jew għall-marda tal-virus Aujeszky intier. Dan is-sondaġġ jrid ikun wera l-assenza tal-marda Aujeszky u li majjal imlaqqam kien liberu minn antibodies gE;

(e) l-ebda majjal ma kien introdott minn ażjendi ta' status aktar baxx tas-saħħa ta' l-annimali għal dak li jirrigwarda l-marda ta' Aujeszky fit-12-il xahar preċedenti, sakemm ma ġewx ittestjati għall-marda Aujeszky u kien hemm riżultati negattivi;

(4) il-majjal li ser jiġi mċaqlaq:

(a) ma ġiex imlaqqam;

(b) inżamm iżolat f'akkomodazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti, fit-30 jum preċedenti għall-moviment, u b'tali mod li kwalunkwe riskju tat-tixrid tal-marda Aujeszky lil dann il-majjal huwa evitata;

(ċ) jridu jkunu għexu fl-ażjenda tal-oriġini jew f'ażjenda ta' status ekwivalenti mit-twelid, u baqgħu fil-ażjenda tal-oriġini għall-inqas għall-:

(i) 30 jum, fil-każ ta' majjal intiż għall-produzzjoni;

(ii) 90 jum, fil-każ ta' majjal intiż għat-tkabbir;

(d) kienu soġġettati b'riżultati negattivi għal ta' l-inqas żewġ testijiet seroloġiċi għall-ADV-gB jew ADV-gD jew il-virus tal-marda Aujeszky intiera, b'intervall ta' għall-inqas 30 jum bejn

▼B

kull test. Pero, f'każ ta' majjal ta' età ta' inqas minn erba' xhur, it-test seroloġiku għall-ADV-gE ukoll jista' jintuża. Kampjunar għall-aħħar test irid jitwettaq fi żmien 15- il jum qabel it-trasport bil-baħar. In-numru ta' majjal ittestjati fl-unità ta' iżolazzjoni jrid ikun suffiċjenti sabiex isib:

(i) 2 % seroprevalence b'kunfidenza ta' 95 % fl-unità ta' iżolazzjoni fil-każ ta' majjal intiż għall-produzzjoni;

(ii) 0,1 % seroprevalence b'kunfidenza ta' 95 % fl-unità ta' iżolazzjoni fil-każ ta' majjal intiż għat-tkabbir.

Però, l-ewwel miż-żewġ testijiet ma jkunx neċessarju jekk:

(i) fl-istruttura tal-pjan msemmi fil-punt (2), sondaġġ seroloġiku jkun twettaq fl-ażjenda tal-oriġini bejn 45 u 170 jum qabel it-trasport bil-baħar, li juri l-assenza tal-antibodies tal-marda Aujeszky u li majjal imlaqqam kien liberu minn antibodies gE;

(ii) il-majjal li ser jiġi mċaqlaq għex fl-ażjenda tal-oriġini mit-twelid;

(iii) l-ebda majjal ma ċċaqlaq sa' l-ażjenda tal-oriġini waqt li l-majjal li ser jiġi mċaqlaq nzamm f'iżolazzjoni.

Artikolu 2

▼M3

Ħnieżer intenzjonati għall-qatla, mibgħuta fi Stati Membri jew reġjuni tagħhom li huma liberi mill-marda ta' Aujeszky u li huma elenkati fl-Anness I għandhom jiġu minn Stat Membru jew reġjun tiegħu elenkat f'dak l-Anness jew għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

▼B

(1) Il-marda Aujeszky trid tkun notifikata b'mod obbligatorju fl-Istati Membri tal-oriġini;

(2) pjan għall-kontroll u l-qerda tal-marda Aujeszky, li jissodisfa l-kriterji li jinstabu fl-Artikolu 1 (2), irid ikun fis-seħħ fl-Istat Membru jew reġjuni tal-oriġini tal-majjal;

(3) il-majjal kollu in kwistjoni jrid jiġi trasportat direttament sal-biċċeriji tad-destinazzjoni u/jew:

(a) jiġi minn ażjenda li jissodisfa l-kundizzjonijiet li jinstabu fl-Artikolu 1 (3); jew

(b) kienu mlaqqam kontra l-marda Aujeszky sa għall-inqas 15-il jum qabel it-trasport tagħhom bil-baħar u jiġu minn ażjenda tal-oriġini fejn:

(i) fil-qafas tal-pjan msemmi fil-punt (2), miżuri ta' monitoraġġ u qerda tal-marda Aujeszky ġew applikati regolarment taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti għat-12-il xahar preċedenti;

(ii) kien baqa' għall-inqas għal 30 jum qabel id-dispaċċ u fejn l-ebda prova klinika jew patoloġika ta' din il-marda ma nstabet fil-ħin tal-kompletar taċ-ċertifikat tas-saħħa msemmija fl-Artikolu 7; jew

(ċ) ma ġiex imlaqqam u jipproċedi minn ażjenda fejn:

(i) fil-qafas tal-pjan msemmi fil- punt (2), miżuri ta' monitoraġġ u qerda tal-marda Aujeszky ġew applikati regolarment taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti għat-12-il xahar preċedenti u l-ebda prova klinika, patoloġika jew seroloġika tal-marda Aujeszky ma ġiet rekordjata fis-sitt xhur preċedenti;

▼B

(ii) tilqim kontra l-marda Aujeszky u l-introduzzjoni ta' majjal imlaqqam kien projbii mill-awtoritajiet kompetenti, peress li l-ażjenda hija fil-proċess li tilħaq l-ogħla status għal dak li jirrigwarda l-marda Aujeszky skond il-pjan imsemmi fil-punt (2);

(iii) huma għexu għall-inqas għal 90 jum qabel id-dispaċċ.

Artikolu 3

Majjal intenzjonat għat-tkabbir destinat għall-Istati Membri jew reġjuni elenkati fl-Anness II, fejn programmi għall-qerda tal-marda Aujeszky kienu approvati u huma fis-seħħ, jridu jew:

(1) jiġu minn Stati Membri jew reġjuni elenkati fl-Anness I, jew:

(2) jiġu minn

(a) Stati Membri jew reġjuni elenkati fl-Anness II; u

(b) ażjenda li tissodisfa il-ħtiġijiet tal-Artikolu 1 (3); jew

(3) tissodisfa il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-marda Aujeszky trid tkun notifikata b'mod obbligatorju fl-Istati Membri tal-oriġini;

(b) pjan għall-kontroll u l-qerda tal-marda Aujeszky huwa fis-seħħ fl-Istati Membri jew reġjuni tal- oriġini, li jissodisfaw il-kriterji li jinstabu fl-Artikolu 1(2);

(ċ) l-ebda prova klinika, patoloġika jew seroloġika tal-marda Aujeszky ma ġiet rekordjata fit-12 il-xahar preċedenti fl-ażjenda tal-oriġini tal-majjal in kwistjoni;

(d) il-majjal iridu ikun nżamm iżolat f'akkomodazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti għat-30 jum immedjatament preċedenti għall-moviment u inżammu iżolati b'tali mod li kwalunkwe riskju tat-tixrid tal-marda Aujeszky huwa evitat;

(e) il-majjal iridu ikun ġie soġġettat, b'riżultati negativi, għall-test seroloġiku għall-preżenza ta' antibodies gE. Kampjunar għall-aħħar test irid jitwettaq fiż-żmien 15-il jum qabel it-trasport bil-baħar. In-numru ta' majjal ittestjati jrid ikun suffiċjenti sabiex jinstab 2 % seroprevalence b'kunfidenza ta' 95 % f'dan il-majjal;

(f) il-majjal irid ikun għex fl-ażjenda tal-oriġini jew f'ażjenda ta' status ekwivalenti mit-twelid, u jkun baqa' fl-ażjenda tal-oriġini għall-inqas għal 90 jum.

Artikolu 4

Majjal intiż għall-produzzjoni destinati għall-Istati Membri jew reġjuni elenkati fl-Anness II, fejn programmi approvati għall-qerda tal-marda Aujeszky huma fis-seħħ, iridu jew:

(1) jiġu minn Stati Membri jew reġjuni elenkati fl-Anness I, jew

(2) jiġu minn:

(a) Stati Membri jew regjuni elenkati fl-Anness II; u

(b) ażjenda li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-Artikolu 1 punt (3); jew

(3) jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-marda Aujeszky trid tkun notifikata b'mod obbligatorju fl-Istat Membru tal-oriġini;

▼B

(b) pjan għall-kontroll u qerda tal-marda Aujeszky, li jissodisfa l-kriterji li jinstabu fl-Artikolu 1 (2) ikun fis-seħħ fl-Istati Membri jew reġjun tal-oriġini;

(ċ) l-ebda prova klinika, patoloġika jew seroloġika tal-marda Aujeszky ma ġiet rekordjata fit-12-il xahar preċedenti fl-ażjenda tal-oriġini tal-majjal in kwistjoni;

(d) sondaġġ seroloġiku għall-marda Aujeszky, li juri l-assenza tagħha u li l-majjal imlaqqam kien liberu minn antibodies gE, ikun twettaq fl-ażjenda tal-oriġini u bejn 45 u 170 ġurnata qabel it-trasport bil-baħar;

(e) il-majjal irid ikun jew għex fl-ażjenda tal-oriġini mit-twelid jew ikun baqa' f'tali ażjendi għall-inqas għall-30 jum wara l-introduzzjoni minn ażjenda ta' status ekwivalenti, fejn sondaġġ seroloġiku ekwivalenti għal dak imsemmi f'punt (d) ikun twettaq.

Artikolu 5

It-testijiet seroloġiċi mwettqa sabiex jimmonitoraw jew isibu l-marda Aujeszky tal-majjal skond din id-Deċiżjoni trid tissodisfa l-istandards li jinstabu fl-Anness III.

Artikolu 6

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 64/432/KEE, informazzjoni dwar it-tfaqqih tal-marda Aujeszky, inklużi detalji ta' programmi ta' monitoraġġ u qerda fis-seħħ fi Stati Membri elenkati fl-Anness II u fi Stati Membri oħra jew reġjuni mhux elenkati f'dak l-Anness fejn programmi ta' monitoraġġ u qerda huma fis-seħħ, jridu jkunu provduti għall-inqas kull sena minn kull Stat Membru skond il-kriterji uniformi li jinstabu fl-Anness IV.

Artikolu 7

1. Mingħajr preġudizzju għall-provedimentl li jinstabu fil-leġislazzjoni Komunitarja li titratta ċ-ċertifikati tas-saħħa, qabel il-kompletazzjoni, għall-annimali tal-ispeċi porċina destinati għall-Istati Membri jew reġjuni elenkati fl-Anness I jew II, tas-sezzjoni Ċ taċ-ċertifikati tas-saħħa meħtieġa mid-Direttiva 64/432/KEE, il-veterinarju uffiċjali jrid jistabilixxi:

(a) l-istatus tal- ażjenda u tal-Istat Membru jew reġjun tal-oriġini tal-majjal in kwistjoni għal dak li jirrigwarda l-marda Aujeszky;

(b) fil-każ li l-majjal ma joriġinax minn Stat Membru jew reġjun liberi mill-marda, l-istatus tal-ażjenda tal-Istat Membru jew reġjuni tad-destinazzjoni għall-majjal in kwistjoni għal dak li jirrigwarda l-marda Aujeszky;

(ċ) il-konformità tal-majjal in kwistjoni mal-kundizzjonijiet li jinstabu f'din id-Deċiżjoni.

2. Għall-annimali tal-ispeċi porċina destinati għall-Istati Membri jew reġjuni elenkati fl-Anness I jew II, iċ-ċertifikazzjoni taħt il-paragrafu 4 tas-Sezzjoni Ċ taċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fil-paragrafu 1 jrid jiġi kompletat u supplementat kif ser jingħad:

(a) fl-ewwel indent, wara l-kelma "marda:" il-kelma "Aujeszky" trid tiġi miżjuda;

(b) fit-tieni inċiż, riferenza trid issir għal din id-Deċiżjoni. Fl-istess linja, n-numru tal-Artikolu ta' din id-Deċiżjoni, li hija rilevanti għall-majjal in kwistjoni, trid tiġi ikkwotata fil-parentesi.

▼B

Artikolu 8

Stati Membri jridu jiżguraw li meta majjal destinat għall-Istati Membri jew reġjuni elenkati fl-Anness I jew II huma trasportati, dawn ma jiġux f'kuntatt ma' majjal ta' status differenti jew mhux magħruf, għal dak li jirrigwarda l-marda Aujeszky, waqt trasport jew transitu.

Artikolu 9

Id-Deċiżjoni 2001/618/KE hija mħassra.

Referenzi għad-Deċiżjoni li ġiet imħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

▼M2

ANNESS I

Stati Membri jew reġjuni tagħhom li huma liberi mill-marda Aujeszky u fejn it-tilqim huwa pprojbit

Kodiċi ISO	Stat Membru	Reġjuni
AT	L-Awstrija	Ir-reġjuni kollha
CY	Ċipru	Ir-reġjuni kollha
CZ	Ir-Repubblika Ċeka	Ir-reġjuni kollha
DE	Il-Ġermanja	Ir-reġjuni kollha
DK	Id-Danimarka	Ir-reġjuni kollha
FI	Il-Finlandja	Ir-reġjuni kollha
FR	Franza	Id-dipartimenti ta' Ain, Aisne, Allier, Alpes-de-Haute-Provence, Alpes-Maritimes, Ardèche, Ardennes, Ariège, Aube, Aude, Aveyron, Bas-Rhin, Bouches-du-Rhône, Calvados, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Corrèze, Côte-d'Or, Côtes-d'Armor, Creuse, Deux-Sèvres, Dordogne, Doubs, Drôme, Essonne, Eure, Eure-et-Loir, Finistère, Gard, Gers, Gironde, Hautes-Alpes, Hauts-de-Seine, Haute Garonne, Haute-Loire, Haute-Marne, Hautes-Pyrénées, Haut-Rhin, Haute-Saône, Haute-Savoie, Haute-Vienne, Hérault, Indre, Ille-et-Vilaine, Indre-et-Loire, Isère, Jura, Landes, Loire, Loire-Atlantique, Loir-et-Cher, Loiret, Lot, Lot-et-Garonne, Lozère, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Mayenne, Meurthe-et-Moselle, Meuse, Morbihan, Moselle, Nièvre, Nord, Oise, Orne, Paris, Pas-de-Calais, Pyrénées-Atlantiques, Pyrénées-Orientales, Puy-de-Dôme, Réunion, Rhône, Sarthe, Saône-et-Loire, Savoie, Seine-et-Marne, Seine-Maritime, Seine-Saint-Denis, Somme, Tarn, Tarn-et-Garonne, Territoire de Belfort, Val-de-Marne, Val-d'Oise, Var, Vaucluse, Vendée, Vienne, Vosges, Yonne, Yvelines
LU	Il-Lussemburgu	Ir-reġjuni kollha
NL	L-Olanda	Ir-reġjuni kollha
SK	Is-Slovakkja	Ir-reġjuni kollha
SE	L-Iżvezja	Ir-reġjuni kollha
UK	Ir-Renju Unit	Ir-reġjuni kollha fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales

▼M5

ANNESS II

L-Istati Membri jew reġjuni tagħhom fejn huma fis-seħħ programmi approvati ta' kontroll nazzjonali għall-qerda tal-marda Aujeszky

Kodiċi ISO	Stat Membru	Ir-reġjuni
BE	Il-Belġju	Ir-reġjuni kollha
ES	Spanja	It-territorju tal-Komunitajiet Awtonomi ta' Galicia, País Vasco, Asturias, Cantabria, Navarra, La Rioja. It-territorju tal-provinċji ta' León, Zamora, Palencia, Burgos, Valladolid u Ávila fil-Komunità Awtonoma ta' Castilla y León It-territorju tal-provinċja ta' Las Palmas fil-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji
HU	L-Ungerija	Ir-reġjuni kollha
IE	L-Irlanda	Ir-reġjuni kollha
IT	L-Italja	Il-provinċja ta' Bolzano
UK	Ir-Renju Unit	Ir-reġjuni kollha fl-Irlanda ta' Fuq

▼B

ANNESS III

Standards għat-testijiet seroloġiċi tal-marda Aujeszky — Protokoll għall-enżimi konessi mal-immunosorbent assay (ELISA) għat-tiftixa ta' antibodies għall-virus tal-marda Aujeszky (il-virus kollu), sal-glycoproteina B (ADV-gB), sal-glycoproteina D (ADV-gD) jew sal-glycoproteina E (ADV-gE)

1. L-istituti elenkati fil-paragrafu 2(d) jridu jevalwaw testijiet u kits Elisa ADV-gE kontra l-kriterji fil-paragrafi 2(a), (b) u (ċ). L-awtorità kompetenti f'kull Stat Membru trid tiżgura li l-kits Elisa ADV-gE biss li huma konformi ma' dawn l-istandards ikunu reġistrati. L-eżamijiet elenkati f'2(a) u (b) jridu jitwettqu qabel l-approvazzjoni tat-test u l-eżami f'2(ċ), għall-inqas, jridu jitwettqu fi żmien wara għall-kull baċċ.

2. Standardiżżar, sensitività u speċifikazzjoni tat-test.

   (a) Is-sensitività tat-test trid tkun ta' tali livell li s-segwenti sera ta' riferenza Komunitarji jirriżultaw pożittiv:

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV 1 b'taħlita 1:8,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE A,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE B,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE C,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE D,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE E,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE F.

   (b) L-ispeċifikazzjoni tat-test trid tkun ta' tali livell li s-segwenti sera ta' riferenza Komunitarja jirriżultaw negattivi:

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE G,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE H,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE J,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE K,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE L,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE M,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE N,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE O,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE P,

   — Serum ta' riferenza Komunitarja ADV-gE Q.

   (ċ) Għall-kontroll tal-baċċ, Serum ta' riferenza Komunitarja ADV 1 trid tirriżulta pożittiva f'taħlita 1:8 u wieħed mis-sera ta' riferenza Komunitarja mill-ADV-gE G sal-ADV-gE Q, kif elenkati fil-punt (b), jridu jrriżultaw negattiv.

   Għall-kontroll tal-baċċ ta' kits ADV-gB u ADV-gD, Serum ta' riferenza Komunitarja ADV 1 trid trriżulta pożittiv fit-taħlita ta' 1:2 u Serum ta' riferenza Komunitarja Q imsemmija f'(b) trid tirriżulta negattiv.

   (d) L-istituti elenkati hawn taħt iridu, minbarra dan, jkunu responsabbli għall-verifika tal-kwalità tal-metodu ELISA f'kull Stat Membru, u partikolarment għall-produzzjoni u standardiżżar ta' sera ta' riferenza nazzjonali skond is-sera ta' riferenza Komunitarja.

▼B

AT	AGES: Österreichische Agentur für Gesundheit und Ernährungssicherheit GmbH — Institut für veterinärmedizinische Untersuchungen Mödling (Austrian Agency for Health and Consumer Protection — Institute for veterinary investigations Mödling) Robert Koch-Gasse 17 A-2340 Mödling Tel. +43 (0) 505 55-38112 Faks +43 (0) 505 55-38108 E-mail: vetmed.moedling@ages.at
BE	CODA — CERVA — VAR Veterinary and Agrochemical Research Centre Groeselenberg 99 B-1180 Brussels
CY	State Veterinary Laboratory Veterinary Services 1417 Athalassa Nicosia
CZ	—
DE	Friedrich-Loeffler-Institut Bundesforschungsinstitut für Tiergesundheit Standort Wusterhausen Seestraße 55 D-16868 Wusterhausen Tel. + 49 33979 80-0 Faks + 49 33979 80-200
DK	National Veterinary Institute, Technical University of Denmark Lindholm DK-4771 Kalvehave
EE	Veterinaar- ja Toidulaboratoorium Kreutzwaldi 30, 51006 Tartu, Estonia Tel. + 372 7 386 100 Faks + 372 7 386 102 E-mail: info@vetlab.ee
ES	Laboratorio Central de Sanidad Animal de Algete Carretera de Algete, km 8 Algete 28110 (Madrid) Tel. +34 916 290 300 Faks +34 916 290 598 E-mail: lcv@mapya.es
FI	Finnish Food Safety Authority Animal Diseases and Food Safety Research Mustialankatu 3 FI-00790 Helsinki, Finland E-mail: info@evira.fi Tel. +358 20 772 003 (exchange) Faks +358 20 772 4350
FR	Laboratoire d'études et de recherches avicoles, porcines et piscicoles AFSSA site de Ploufragan/Brest — LERAPP BP 53 22440 Ploufragan
UK	Veterinary Laboratories Agency New Haw, Addlestone, Weybridge Surrey KT15 3NB, UK Tel. (44-1932) 341111 Faks (44-1932) 347046
GR	Centre of Athens Veterinary Institutes 25 Neapoleos Street, GR-153 10 Agia Paraskevi Attiki Tel. +30 2106010903

▼B

HU	Mezőgazdasági Szakigazgatási Hivatal Központ, Állat-egészségügyi Diagnosztikai Igazgatóság Central Agricultural Office, Veterinary Diagnostic Directorate Address: 1149 Budapest, Tábornok u. 2. Mailing Address: 1581 Budapest, 146. Pf. 2. Tel. +36 1 460-6300 Faks +36 1 252-5177 E-mail: titkarsag@oai.hu
IE	Virology Division Central Veterinary Research Laboratory Department of Agriculture and Food Laboratories Backweston Campus Stacumny Lane Celbridge Co. Kildare
IT	Centro di referenza nazionale per la malattia di Aujeszky — Pseudorabbia c/o Istituto zooprofilattico sperimentale della Lombardia e dell'Emilia Romagna, Via Bianchi, 9; 25124 Brescia
LT	National Veterinary Laboratory (Nacionalinė veterinarijos laboratorija) J. Kairiūkščio 10 LT-08409 Vilnius
LU	CODA — CERVA — VAR Veterinary and Agrochemical Research Centre Groeselenberg 99 B-1180 Brussels
LV	Nacionālais diagnostikas centrs (National Diagnostic Centre) Lejupes iela 3, Rīga, LV-1076 Tel. +371 7620526 Faks +371 7620434 E-mail: ndc@ndc.gov.lv
MT	—
NL	Centraal Instituut voor Dierziekte Controle CIDC-Lelystad Hoofdvestiging: Houtribweg 39 Nevenvestiging: Edelhertweg 15 Postbus 2004 8203 AA Lelystad
PL	Laboratory Departement of Swine Diseases Państwowy Instytut Weterynaryjny – Państwowy Instytut Badawczy al. Partyzantów 57, 24-100 Puławy Tel. +48 81 889 30 00 Faks +48 81 886 25 95 E-mail: sekretariat@piwet.pulawy.pl
PT	Laboratório Nacional de Investigação Veterinária (LNIV) Estrada de Benfica, 701 P-1549-011 Lisboa
SE	Statens veterinärmedicinska anstalt Department of Virology S-751 89 Uppsala Tel. (46-18) 67 40 00 Faks (46-18) 67 44 67

▼B

SI	Univerza v Ljubljani Veterinarska fakulteta Nacionalni veterinarski inštitut Gerbičeva 60, SI-1000 Ljubljana
SK	Štátny veterinárny ústav Pod dráhami 918 960 86 Zvolen Slovenska republika

▼B

ANNESS IV

Kriterji dwar l-informazzjoni li trid tiġi provduta dwar il-ġrajja tal-marda Aujkesky (AD) u dwar pjanijiet għall-monitoraġġ u l-qerda ta' din il-marda, li jridu jiġu provduti skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE

1. Stat Membru: … .....

2. Data: … .....

3. Perjodu tar-rapport: ….....

4. Numru ta' ażjendi fejn jinstab l-AD permezz ta' investigazzjonijiet kliniċi, seroloġiċi jew viroloġiċi: ….....

5. Informazzjoni dwar vaċċini tal-AD, investigazzjonijiet seroloġiċi u kategoriżazzjoni ta' ażjendi (jekk jogħġbok imla t-tabella annessa):

Reġjun	Numru ta' ażjendi tal-majjal	Numru ta' ażjendi tal-majjal skond programm AD (1)	Numru ta' ażjendi tal-majjal mhux infettati bl-AD (bil-vaċċinazzjoni) (2)	Numru ta' ażjendi tal-majjal liberi mill-AD (mingħajr vaċċinazjoni) (3)
Total				

(1) Programm taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti.
(2) Ażjenda tal-majjal fejn testijiet seroloġiċi għall-AD twettqu b'riżultati negattivi skond programm uffiċjali AD u fejn vaċċinazzjoni ġiet applikata fit-12 il-xahar preċedenti.
(3) Ażjendi tal-majjal li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 1(3).

6. Informazzjoni oħra dwar monitoraġġ seroloġiku f'Ċentri ta' Inseminazzjoni Artifiċjali, għall-fini ta' esportazzjoni, fl-istruttura ta' skemi oħra ta' sorveljanza, eċċ.: … .....

… .....

… .....

… .....

▼B

ANNESS V

DEĊIŻJONI MĦASSRA FLIMKIEN MA' LISTA TA' L-EMENDI SUĊĊESSIVI TAGĦHA

Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/618/KE (ĠU L 215, 9.8.2001, p. 48)	
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/746/KE (ĠU L 278, 23.10.2001, p. 41)	Biss fir-rigward tar-referenza għad-Deċiżjoni 2001/618/KE fl-Artikolu 1
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/905/KE (ĠU L 335, 19.12.2001, p. 22)	Biss fir-rigward tar-referenza għad-Deċiżjoni 2001/618/KE fl-Artikolu 2
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/270/KE (ĠU L 93, 10.4.2002, p. 7)	L-Artikolu 3 biss
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/130/KE (ĠU L 52, 27.2.2003, p. 9)	
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/575/KE (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 41)	
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/320/KE (ĠU L 102, 7.4.2004, p. 75)	L-Artikolu 2 u l-Anness II biss
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/768/KE (ĠU L 290, 4.11.2005, p. 27)	
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/911/KE (ĠU L 346, 9.12.2006, p. 41)	Biss fir-rigward tar-referenza għad-Deċiżjoni 2001/618/KE fl-Artikolu 1 u punt 12 ta' l-Anness
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/603/KE (ĠU L 236, 8.9.2007, p. 7)	
Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/729/KE (ĠU L 294, 13.11.2007, p. 26)	Biss fir-rigward tar-referenza għad-Deċiżjoni 2001/618/KE fl-Artikolu 1 u punt 10 ta' l-Anness

▼B

ANNESS VI

Tabella ta' Korrelazzjoni

Deċiżjoni 2001/618/KE	Din id-Deċiżjoni
Artikoli 1(a) u (b)	Artikolu 1, punti 1 u 2
Artikolu 1(ċ), l-ewwel sal-ħames inċiż	Artikolu 1, punti 3(a) sa (e)
Artikolu 1(d), l-ewwel sar-raba' inċiż	Artikolu 1, punti 4(a) sa (d)
Artikoli 2(a) u (b)	Artikolu 2 punti 1 u 2
Artikolu 2 (ċ), l-ewwel sat-tielet inċiż	Artikolu 2 punti 3(a) sa (ċ)
Artikolu 3(a)	Artikolu 3, punt 1
Artikolu 3(b), l-ewwel u t-tieni inċiż	Artikolu 3, punti 2(a) u (b)
Artikolu 3(ċ), l-ewwel sas-sitt inċiż	Artikolu 3, punti 3(a) sa (f)
Artikolu 4(a)	Artikolu 4, punt 1
Artikolu 4(b), l-ewwel u t-tieni inċiż	Artikolu 4, punti 2(a) u (b)
Artikolu 4(ċ), l-ewwel sal-ħames inċiż	Artikolu 4, punti 3(a) sa (e)
Artikoli 5 sa 8	Artikoli 5 sa 8
Artikolu 9	—
Artikolu 10	—
—	Artikolu 9
Artikolu 11	Artikolu 10
Annessi I sa IV	Annessi I sa IV
—	Anness V
—	Anness VI